# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 25

Il-Ħamis 14 ta' Jannar 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *Microsoft Teams®* nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa saret b'dan ilmezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 7/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

25.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

25.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 24 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

25.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

25.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

25.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lil dawk preżenti li l-attivitajiet limitati li saru b'rabta ma' Jum il-Munxar 2020 u l-Milied saru b'suċċess.

25.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri li beda x-xogħol fuq ir-restawr tax-xelter tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Huwa qal li beda x-xogħol ta' tindif u fil-jiem li ġejjin ser tibda tiġi nstallata s-sistema tad-dawl. Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill bagħat ukoll talba sabiex l-għeluq tal-bokok jiġi ffinanzjat ukoll mill-Ministeru Għal Għawdex.

25.3.3 Is-Sindku informa wkoll lill-membri dwar il-proġett b'fondi ewropej ta' restawr tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq tax-Xadba, li wara li l-Kunsill bagħat id-dokumenti rikjesti mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) sabiex tinħareġ *clearance* mill-istess awtorita', Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel xi emendi fil-*method statement*. Is-Sindku qal li

ġaladarba dawn l-emendi jsiru u tinħareġ il-*clearance*, ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jibdew.

25.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li għadu għaddej l-evalwazzjoni tal-proġett sottomess mal-Gozo Action Group Foundation taħt fondi Ewropej tal-Leader biex isir xogħol ta' tisbieħ fi Triq L-Isqawi u Triq it-Tempju Megalitiku. Huwa qal li l-Kunsill intalab jagħmel preżentazzjoni fid-dettall tal-proġett li din saret b'mod virtwali. Is-Sindku qal li wara dan ix-xogħol kollu mitlub fuq dan il-proġett qed jistenna riżultat pożittiv.

25.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li għalkemm ma kinitx fuq l-aġenda qed jissuġġerixxi sabiex l-attivita' tal-Karnival ta' din is-sena ma ssirx minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti.

## 25.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

25.4.1 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil informa lill-membri li l-fanali dekorattivi fi Triq San Xmun jinsabu mitfija. Is-Sindku qal li l-Inġiniera tal-Ministeru Għal Għawdex li tieħu ħsieb dawk il-fanali dekorattiv f'dik it-triq qalet li s-sistema kollha preżenti trid tinbidel mill-ġdid biex tissolva l-problema darba għal dejjem. Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex jiġu installati tlett bozoz LED mat-tlett arbli li hemm eżistenti matul dik it-triq. Kien hemm qbil unanimu mill-membri.
Wara li ġie mistoqsi jekk dawn hux ser jiġu nstallati temporanjament, is-Sindku wieġeb li eventwalment jekk isir il-proġett tal-*cantilever* kif imwiegħed bil-fondi tal-Ministeru Għal Għawdex, dawn il-bozoz LED jitneħħew.

25.4.2 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi staqsa jekk hux possibli l-Kunsill jintervjeni sabiex jiġi żblokkat il-passaġġ għal ġol-għelieqi minn Triq San Pawl. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu jirreferi l-każ lill-awtorita' responsabbli. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 25.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;

25.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li skont l-Artiklu 49(2) tal-

Kunsill Lokali Il-Munxar

Att dwar il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill għandu jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv biex iservi fin-nuqqas li s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista' jaġixxi. Huwa informa lill-membri li avviċina lill-Assistent Prinċipali tal-Kunsill Kimberly Spiteri jekk hix interessata terġa' tassumi din il-kariga iżda hi m'aċċettatx.

25.5.2

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa lill-membri sabiex il-Kunsill jinnomina lis-Sinjura Lucienne Haber, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Għajnsielem, biex isservi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali Il-Munxar meta ma jkunx jista' jaġixxi. Huwa qal li s-Sinjura Lucienne Haber għandha esperjenza ta' snin twal bħala Segretarju Eżekuttiv u hija persuna affidabbli.

25.5.3

Kien hemm approvazzjoni unanima mill-membri sabiex il-Kunsill jinnomina lis-Sinjura Lucienne Haber bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill wara li tipprovdi l-ittra ta' aċċettazzjoni.

## 25.6

### Approvazzjoni tal-*performance appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill;

25.6.1

Is-Sindku ppreżenta l-*performance appraisal reports* li hejja tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kimberly Spiteri li serviet bejn is-27 ta' Jannar 2020 u t-22 t'April 2020, tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat li serva bejn it-23 t'April 2020 u t-30 ta' Ġunju 2020, kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat mill-1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ ta' 10% għal dawn l-impjegati.

25.6.2

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*performance appraisal reports* li hejja tal-iskrivana Nicholette Attard u tal-Assistent Prinċipali Kimberly Spiteri għas-sena 2020. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ ta' 6% għal dawn l-impjegati.

## 25.7

### Sejħiet għall-offerti;

25.7.1

Is-Sindku informa lill-membri li l-offerta MXR/03/2020 WORKS TENDER FOR THE RESTORATION OF RUBBLE WALLS AT VARIOUS LOCATIONS IN MUNXAR, GOZO għalqet u ser jiltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni. Huwa ppropona sabiex il-bord ikun magħmul mis-Sindku bħala *chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv bħala s-segretarju

tal-bord, il-Perit Edward Scerri, l-Accountant Daniel Galea u s-Sur William Sultana bħala evalwaturi. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

25.7.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-offerta MXR/04/2020 CALL FOR QUOTATIONS FOR THE UPROOTING AND REPLANTING OF NINE FICUS TREES AT MUNXAR għalqet u ser jiltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni. Huwa ppropona sabiex il-bord ikun magħmul mis-Sindku bħala *chairperson*, l-Accountant Daniel Galea u s-Sur William Sultana bħala evalwaturi. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri. Is-Sindku qal li l-Ministeru Għal Għawdex appunta lill-Assistent Direttur is-Sur Reno Micallef bħala osservatur waqt il-bord minħabba li ser ikunu qed jiffinanzjaw il-proġett tal-Pjazza.

25.7.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-jiem li ġejjin ser jinħarġu l-offerti għall-proġett ta' tisbieħ tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar, kif ukoll għax-xogħlijiet ta' restawr fuq ġewwa tat-Torri tax-Xlendi u l-interpretation centre.

## 25.8 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;

25.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill applika mal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi sabiex jestendi l-permess ambjentali tat-Torri tax-Xlendi.

25.8.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-kuntratt tax-xogħlijiet mal-kuntrattur ser jiġi fi tmiemu u ppropona sabiex dan jiġi estiż b'xahrejn wara rakkommandazzjoni tal-Perit tal-proġett. Il-Perit tal-proġett qed jagħti mportanza kbira għall-metodi tar-restawr u kontinwament qed jissorvelja dawn ix-xogħlijiet.

25.8.3 Rigward ix-xogħlijiet interni fuq it-torri tax-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għadu jistenna li jirċievi d-dokumenti kollha mingħand il-Perit sabiex fil-jiem li ġejjin tinħareġ is-sejħa għall-offerti għal dawn ix-xogħlijiet.

## 25.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

25.9.1 Wara li l-Kunsill issottometta applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Artijiet

biex jotjeni dikjarazzjoni dwar it-triq il-ġdida fi Triq Rinota jekk hijiex pubblika jew privata, hekk kif ġie mitlub mill-Kumitat Għat-Tismija tat-Toroq, l-Awtorita' tal-Artijiet talbet lill-Kunsill permezz ta' korrispondenza biex jipprovdi pjanta mill-Aġenzija tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet. Kien hemm qbil mill-membri biex jinxtara dan id-dokument mitlub.

25.9.2

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar il-parteċipazzjoni f'festival internazzjonali tal-bizzilla ġewwa l-Kroazja f'Settembru 2021. Is-Sindku għarraf lill-membri sabiex jekk jafu b'xi persuni li jitħajru jesebixxu x-xogħol tagħhom tal-bizzilla jinkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill sad-29 ta' Jannar 2021.

25.9.3

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta b'approvazzjoni ta' permess għall-parkeġġ riservat personalizzat fi Triq ir-Ranċiz fix-Xlendi. Is-Sindku saħaq li f'din it-triq ta' 70 metru diġa' hemm żewġ parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilita' u għalhekk ma jaqbilx li jkun hemm it-tielet parkeġġ f'żona fejn il-problemi tal-parkeġġ dejjem jiżdiedu. Huwa qal ukoll li dan imur kontra l-*policies* ta' Transport Malta stess. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din tiġi diskussa ma' Transport Malta u l-approvazzjoni għandha terġa' tiġi revokata bħalma ġa kien il-każ f'Awwissu li għadda dwar l-istess applikazzjoni.

25.9.4

Euaffairs at Local Government – Training for Regional and Local Councils on Advocacy by KOPIN. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.5

Euaffairs at Local Government – Re launch of European Label of Governance Excellence (ELoGE) and Label award to the Pembroke Local Council. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.6

Transport Malta – Work Restrictions during the Festive Season. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.7

Ministry for Gozo – Gozo Cultural Events, Easter in Gozo 2021 programme. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.8

Gozo Regional Development Authority – Invitation to the Launch of the Vision Document. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.9

SPI – Skema ta' Neutering għall-qtates tat-triq, Kunsilli Lokali. Il-

Kunsill Lokali Il-Munxar

Kunsill innota l-kontenut.

25.9.10

DLG Direttiva 7/2020 – Direttiva dwar il-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali u l-laqgħat annwali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.11

DLG Ċirkulari 9/2020 – Emendi għall-Att dwar Gvern Lokali (Kap.363). Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.12

SPI.SCI.7.2020 – Espressjoni ta' Interess: "Smart Solutions" għall-Immaniġġjar tal-Iskart. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.13

SPI.SCI.8.2020 – Espressjoni ta' Interess: Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.14

SPI.SCI.9.2020 – Insaħħu l-ħidma ta' twettiq tal-funzjonijeit tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.15

Ċirkulari Nru AKL 2020/134 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu40. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.16

Ċirkulari Nru AKL 2020/135 – Inizjattiva Rigal b'Imħabba, Milied għat-Tfal kollha. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.17

Ċirkulari Nru AKL 2020/136 – MentorAid – Sessjonijiet ta' taħriġ Presidenti Reġjonali, Sindki u Kunsilliera (PR, Social Media, CRM, Mental Health, Stress Management). Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.18

Ċirkulari Nru AKL 2020/137 – MentorAid - Waste Management Plan and Consultation Process – Webinar 07/01/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.19

Ċirkulari Nru AKL 2020/138 – MentorAid – Financial Regulations 20/01/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.20

Ċirkulari Nru AKL 2020/139 – L-Ewwel Term Skolastiku ġie fi tmiemu wkoll – GRAZZI. Il-Kunsill innota l-kontenut.

25.9.21

Ċirkulari Nru AKL 2021/001 – Personal Accident Policy. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex din il-polza tal-assigurazzjoni tiġġedded.

Kunsill Lokali Il-Munxar

25.9.22 Ċirkulari Nru AKL 2021/002 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. . Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex din il-polza tal-assigurazzjoni tiġġedded.

25.9.23 Ilment 41/2020
Jissuġġerixxi sabiex tiġi nstallata CCTV *camera* ħdejn il-propjeta' tiegħu minħabba li xi nies qed jiddisponu mill-borża tal-iskart quddiem il-propjeta' tiegħu. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie nnutat li jekk issir CCTV camera, dawn in-nies faċilment jiddisponu mill-iskart tagħhom kantuniera 'il bogħod. Kien hemm qbil sabiex titwaħħal tabella tal-iskart f'dik iż-żona u ssir talba għal aktar infurzar mill-awtoritajiet responsabbli.

25.9.24 Ilment 42/2020
Jitlob sabiex żewġ bozoz LED fi T/Ġ fi Triq il-Qsajjem jitmexxew għal mal-arbli tad-dawl li għadhom kemm ġew installati f'din it-triq. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

25.9.25 Ilment 01/2021
Jitlob biex tiġi nstallata bozza LED ġdida fi T/Ġ fi Triq Rinota mal-arblu tad-dawl li għadu kemm ġie nstallat f'din it-triq. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

25.9.26 Ilment 02/2021
Titlob sabiex jitneħħew il-marki stradali quddiem il-garaxx tagħha. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie nnutat li dawn il-marki stradali saru bħalma kienu qabel sar ix-xogħol f'din it-triq u dawn huma approvati minn Transport Malta. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jieħu parir mill-Perit u mingħand Transport Malta dwar dan.

25.9.27 Ilment 03/2021
Jissuġġerixxi sabiex jitnaddaf il-passaġġ li jwasslek ħdejn il-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk qed jirreferi għall-passaġġ/wied li minn Triq Kolaċi jagħti għall-Wied tax-Xlendi, dak proġett li jikkumplimenta l-proġett ta' Triq L-Isqawi iżda li jrid ħafna xogħol, permessi ambjentali u finanzjament. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi ċċarat fejn qed jirreferi eżatt minn ressaq is-suġġeriment.

Kunsill Lokali Il-Munxar

25.9.28 Ilment 04/2021
Titlob sabiex issir manutenzjoni tal-bankina u r-rampa ta’ quddiem ir-residenza tagħha. Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jimxi mal-parir tal-Perit.

## 25.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta’ Pagamenti;

25.10.1 Skeda ta’ ħlasijiet bin-numru 25/2021-8 għall-perjodu bejn t-8 ta’ Diċembru 2020 u l-14 ta’ Jannar 2021 li tammonta għal €24,923.01 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis kienet il-proponent filwaqt li il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi s-sekondant.

## 25.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta’ filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 5 ta’ Frar 2021 fil-5.00 ta’ filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ġimgħa 5 ta’ Frar 2021.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar